



# 1 L-applikazzjoni

Dak tlellix ta' kuluri u rwejjaħ fil-Pjazza Muniċipali! Il-pjazza kienet armata b'kull xorta ta' tilari tal-bejjiegħa tal-monti, u kien hemm arja ta' festa. Għajnejn Raphael bdew jibbru bl-eċitament!

"Dawn il-*waffles* għandhom riħa taqsam!"

għajjat it-tifel, jilgħaq xufftejh u jtawwal idu lejn it-tilari.

Il-furnara tfaċċat fil-pront, idejha ponn fuq kull naħa ta' ġenbejha.

"Ma nagħmlux mod li beħsiebek taħtafli xi waħda minnhom, e, Raphael?"

Raphael kemmex imnieħru biex idaħħaq.

"Aqtagħli kurżità, Sinjura Carabott: inti titfa' l-ilma żahar fl-għaġina tal-*waffles*?"

"Sigriet professjonali," weġbitu. "Però nista' noffrilek waħda biex idduqha. U int pattili billi ttini daqqa t'id narma. F'inqas minn siegħa tibda l-Festa tal-Ħarifa. Irridu nħaffu!"

Raphael dar fuq Sara, l-akbar ħabiba tiegħu.

"Tiddejjaq jekk inħallik ftit waħdek?"

"Le, anzi, inkun nista' ndur ftit it-tilari l-oħra bil-kwiet!" weġbitu bid-daħqa Sara. "Narak iktar tard, id-dar!"

Telqet minn ħdejh b'sensiela ta' piruwetti ħfief. Raphael qaleb għajnejh xħin raha sejra hekk. Kemm ilha li bdiet tmur għal-lezzjonijiet taż-żfin ma niżlitx minn fuq ponot subgħajha, iddur u tippiruwetta, anki huma u jilagħbu l-*basketball* flimkien! Ħasditu f'daqqa waħda l-vuċi awtorevoli tas-Sinjura Carabott li qalgħetu minn ħsibijietu.

"Allura, ġuvnott? Se ttini daqqa t'id, jew le?"

Il-furnara ppuntatlu lejn l-*éclairs* taċ-ċikkulata li kellhom jitqiegħdu fil-vetrina li żżomm il-ksieħ. Raphael berraq waħda għajnejh.

"Aħ, dawk *éclairs*... Inti xi żżidilha l-krema ta' ġo fihom?"